ŻEBBUĠ

# KUNSILL LOKALI
# IŻ-ŻEBBUĠ

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2013

## WERREJ


| | |
|---|---|
| REVIŻJONI TAX-XOGĦLIJIET | 1-3 |
| IL-KUNSILL | 4-5 |
| VARJAZZJONIJIET FID-DĦUL U L-INFIQ | 6-8 |
| DIKJARAZZJONI RIKONĊILJATORJA BANKARJA | 9 |
| IR-RAPPORT TAL-UDITURI U D-DIKJARAZZJONIJIET FINANZJARJI | 10 |


*Ippreparat minn Diane Tagliaferro*

*1.0 Reviżjoni tax-Xogħlijiet*

Ser inkunu qed nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol u l-progress li għamel il-Kunsill Lokali u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn matul l-aħħar sena ta' ħidma tiegħu. Dan ir-Rapport Amministrattiv hu għas-sena 2013.

**OFFERTI GĦAL XOGĦLIJIET, MATERJAL U SERVIZZI**

Matul is-sena 2013, saru dawn is-sejħiet għall-offerti:-

- Kostruzzjoni ta' bankini fi Triq il-Qbajjar u Triq il-Munġbell.
- Provvista ta' *ready mix concrete*.
- Provvista u installazzjoni ta' poġġaman tal-ħadid *hot-dipped* galvanizzat fi Triq Mons De Piro.
- Provvediment u installazzjoni ta' poġġaman tal-ħadid *hot-dipped* galvanizzat jew tal-*istanless steel* fi Triq Santa Marija u Triq il-Qbajjar.
- Konverżjoni u xogħlijiet ta' tlestija fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għal formazzjoni ta' ċentru għaż-żgħażagħ.
- Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ.
- Tindif u żamma tal-*playing field* taż-Żebbuġ u l-*promenade* tal-Qbajjar.
- Provvista u installazzjoni ta' bankijiet u għamara oħra fi Triq Mons De Piro.

**IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL**

Bħal kull Kunsill Lokali ieħor f' Malta u f' Għawdex, il-Kunsill taż-Żebbuġ huwa responsabbli minn diversi funzjonijiet obbligatorja u dawn huma fost l-oħrajn:-

- Il-ġbir tal-iskart domestiku bieb bieb - iffirmajna ftehim mal-Kumpanija Green MT għall-ġbir tal-iskart riċiklabbli mill-lokalita' għas-snin 2013-2014.
- Servizz ta' *bulky refuse collection.*
- Servizz ta' *skips on wheels* (għandna 14 il-*skip on wheels* imxerrda mal-lokalita' kollha).
- Seba' *bring-in sites* għas-separazzjoni tal-iskart, tlieta fiż-Żebbuġ u erbgħa f' Marsalforn.
- It-tindif u ż-żamma fi stat tajjeb tat-toroq, il-latrini pubbliċi, il-ġonna u l-postijiet ta' rikreazzjoni, is-sinjali u l-marki tat-traffiku. Ta' min jirrimarka li fir-rigward tat-toroq, sar xogħol estensiv ta' traqqiegħ tat-toroq.
- It-tiswija tal-lampi tat-toroq imwaħħla mal-bini.

**ĦIDMA SOĊJALI**

Ser insemmu wħud mill-attivitajiet li ġew organizzata fil-qasam soċjali:-

- Ipparteċipajna fil-festi Pawlini li saru fil-komunita` ta' Marsalforn.
- Attivita` tal-Karnival fiż-Żebbuġ.
- Xtrajna aktar kotba għall-librerija, għażla ta' kotba għat-tfal u anke għall-adulti.
- Fakkarna Jum Iż-Żebbuġ, it-28 ta' April. Sar it-tberik tal-*pets*, bil-koperazzjoni tal-Kumitat Żebbuġ Rovers għamilna attivita` sportiva għat-tfal kollha tal-lokal fejn il-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna, quddiesa fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ u l-qofol ċerimonja ta' tifkira bis-sehem tal-Banda Sta Marija u l-korijiet tal-parroċċa. Din is-sena, il-premju Ġieħ iż-Żebbuġ ingħata lis-Sur Carmelo Cini.
- Diversi ħarġiet f' Malta u f' Għawdex għan-nies tal-lokalita`.
- Diversi attivitajiet b' rabta mal-festa ta' Sta Marija taż-Żebbuġ.
- Qed nipparteċipaw fil-proġett Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ 2013-2014 permezz ta' grupp ta' żgħażagħ mill-lokalita` tagħna.
- Servizz ta' tilqim tal-labra tal-influwenza.
- Kompetizzjoni tal-presepji.
- Fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied, festin għat-tfal kollha u żjarat lill-anzjani tal-lokalita`.
- Kien organizzat kors fil-*first aid*.
- Organizzajna *fitness classes* fl-Iskola.
- Ħarġa għat-tfal fuq il-*bumping cars* u t-*train*.
- Sit elettroniku ġdid tal-Kunsill.

**PROĠETTI U XOGĦLIJIET OĦRA**

- Bankini ġodda bil-madum tal-porfido fi Triq il-Mungbell u Triq il-Qbajjar. Dan il-proġett kien finanzjat mill-Urban Improvement Funds tal-MEPA.
- Għamilna l-bankina tal-każin tal-Banda u fiha stallajna wkoll xi dwal.
- Għamilna diversi bankini oħra fuq talbiet li kellna minn xi residenti.
- Għamilna *storm water culverts* fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Triq il-Wied u Triq ix-Xagħra.
- Sistema ġdida ta' dwal fi Triq Santa Marija u Triq il-Forn.
- Sar *upgrade* tal-*belvedere* ta' Triq Mons De Piro – saret bankina ġdida, bdilna r-*railing* u waħħalna bankijiet, *litterbins* u *bicycle rack*.
- Bdilna l-bandli kollha tal-*playing field* taż-Żebbuġ.

## *Reviżjoni tax-Xogħlijiet (ikomplu)*

- Inbeda x-xogħol fuq l-ilqugħ ta' Triq l-Oniċi u Triq Għajn Mhelhel.
- Parti mill-bini tal-kantina tal-Kunsill ġie trasformat f' post addattat fejn ser ikunu jistgħu jiltaqgħu ż-żgħażagħ.
- Issottomettejna applikazzjonijiet mal-MEPA għall-iżvilupp ta' *playing area* fi Pjazza Santa Marija tal-Virtut, latrina pubblika fix-Xwejni u ċentru ċiviku ġewwa Marsalforn.
- Bdilna għadd ta' tabelli tat-traffiku u ta' informazzjoni.
- Bdilna diversi imirja tat-traffiku miksura u waħħalna oħrajn ġodda.
- Waħħalna numru ta' *litterbins* ġodda f' Marsalforn.
- Fuq talbiet ta' residenti, waħħalna numru ta' bozoz ġodda.
- Kull fejn kien hemm bżonn naddafna u rranġajna l-gradi tal-ilma.
- Ksejna bil-konkos parti mit-Triq Ta' Tutiet.
- Żbarna s-siġar tal-bruk fix-Xwejni u s-Sagħtrija.
- Ipprovdejna l-materjal li kien hemm bżonn biex saru x-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-bajjiet mill-ħaddiema tal-Beach Cleaning Section.
- Ipprovdejna l-materjal biex saru *railings*, imwejjed u turġien ġodda għal Marsalforn.

Dawn ix-xogħlijiet huma biss uħud mix-xogħlijiet li l-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienu impenjati jaħdmu fuqhom matul din l-aħħar sena ta' ħidma. Nemmnu li dawn ix-xogħlijiet u oħrajn għenu biex kompla jitjieb l-ambjent kemm fiż-Żebbuġ kif ukoll f' Marsalforn.

**Nicky Saliba**
**Sindku**

**Diane Tagliaferro**
**Segretarja Eżekuttiva**

## ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ**

**Numru ta' Laqgħat - 12**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 12 | | |
| **Deputat Sindku** | | | |
| Is-Sur Mario Cassar | 9 | 3 | |
| **Kunsillieri** | | | |
| Is-Sur Joseph Camilleri | 12 | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 11 | 1 | |
| Is-Sur Victor Refalo | 8 | 3 | 1 |
| **Segretarja Eżekuttiva** | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 12 | | |

# ATTENDENZA FIL-LAQGĦAT

## KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN

**Numru ta' Laqgħat - 13**

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Chairperson | | | |
| Is-Sinjura Marija Saliba | 13 | | |
| Il-Viċi Chairperson | | | |
| Is-Sur Emanuel Debono | 11 | 2 | |
| Membri | | | |
| Is-Sur Victor Refalo | 12 | 1 | |
| Is-Sur George Sacco | 10 | 3 | |
| Is-Sur Joseph Zammit | 12 | 1 | |
| *Ex-Officio* | | | |
| Is-Sur Nicky Saliba | 11 | 2 | |
| Segretarja Eżekuttiva | | | |
| Is-Sinjura Diane Tagliaferro | 13 | | |

*3.0 Varjazzjonijiet fid-Dħul u l-Infiq*

## 3.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet Konsolidati tad-Dħul u l-Infiq

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI € | 2013 BUDGET € | 2012 ATTWALI € | 2013 BUDGET VAR € | 2013 ATTWALI VAR € |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | 533,429.34 | 423,414.00 | 441,259.70 | 110,015.34 | 92,169.64 |
| Bye-laws | 5,366.36 | 224,147.00 | 7,197.94 | (218,780.64) | (1,831.58) |
| Investiment | 2,736.98 | 1,000.00 | 975.48 | 1,736.98 | 1,761.50 |
| TOTAL | **541,532.68** | **648,561.00** | **449,433.12** | **(107,028.32)** | **92,099.56** |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | 70,191.82 | 70,708.92 | 68,502.18 | 517.10 | (1,689.64) |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | 289,024.10 | 243,123.00 | 240,050.38 | (45,901.10) | (48,973.72) |
| Infieq Kapitali | 304,879.30 | 334,447.00 | 328,738.23 | 29,567.70 | 23,858.93 |
| TOTAL | **664,095.22** | **648,278.92** | **637,290.79** | **(15,816.30)** | **(26,804.43)** |
| **Bilanċ** | **(122,562.54)** | **282.08** | **(187,857.67)** | **(122,844.62)** | **65,295.13** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-Dettall

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI € | 2013 STIMA € | 2012 ATTWALI € | 2013 BUDGET VAR € | 2013 ATTWALI VAR € |
| **Dħul** | | | | | |
| Tal-Gvern | | | | | |
| Annwali | 405,763.93 | 405,764.00 | 409,571.24 | (0.07) | (3,807.31) |
| Supplimentari | 2,886.73 | | | 2,886.73 | 2,886.73 |
| Bżonnijiet Speċjali | 499.04 | 17,650.00 | 466.00 | (17,150.96) | 33.04 |
| Entitajiet Pubbliċi/Governattivi | 116,779.64 | | 22,222.46 | 116,779.64 | 94,557.18 |
| Ohrajn | 7,500.00 | | 9,000.00 | 7,500.00 | (1,500.00) |
| | **533,429.34** | **423,414.00** | **441,259.70** | **110,015.34** | **92,169.64** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Servizzi Komunitarji | 120.00 | | 20.00 | 120.00 | 100.00 |
| Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 543.90 | | 607.43 | 543.90 | (63.53) |
| Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | 100.00 | 218,447.00 | 1,307.77 | (218,347.00) | (1,207.77) |
| Ġenerali | 4,602.46 | 5,700.00 | 5,262.74 | (1,097.54) | (660.28) |
| | **5,366.36** | **224,147.00** | **7,197.94** | **(218,780.64)** | **(1,831.58)** |
| Investiment | | | | | |
| Interess Bankarju | 2,736.98 | 1,000.00 | 975.48 | 1,736.98 | 1,761.50 |
| Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | **2,736.98** | **1,000.00** | **975.48** | **1,736.98** | **1,761.50** |
| TOTAL | **541,532.68** | **648,561.00** | **449,433.12** | **(107,028.32)** | **92,099.56** |

## 3.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-Dettall

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| DESKRIZZJONI | 2013 ATTWALI € | 2013 STIMA € | 2012 ATTWALI € | 2013 BUDGET VAR € | 2013 ATTWALI VAR € |
| **Infieq** | | | | | |
| Salarji u Pagi | | | | | |
| Onorarja tas-Sindku | 6,605.76 | 6,636.48 | 6,473.40 | 30.72 | (132.36) |
| Salarji u pagi ta' l-impjegati | 50,934.88 | 47,626.00 | 46,182.95 | (3,308.88) | (4,751.93) |
| Bonus | 675.50 | 4,469.44 | 4,360.35 | 3,793.94 | 3,684.85 |
| Dħul Supplimentari | 605.64 | 606.00 | 605.65 | 0.36 | 0.01 |
| Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Soċjali | 3,859.44 | 3,860.00 | 3,769.23 | 0.56 | (90.21) |
| 'Allowances' | 7,510.60 | 7,511.00 | 7,110.60 | 0.40 | (400.00) |
| 'Overtime' | | | | | |
| | **70,191.82** | **70,708.92** | **68,502.18** | **517.10** | **(1,689.64)** |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet oħra | | | | | |
| Dawl, ilma, telefon,etc. | 7,370.94 | 7,086.00 | 6,726.78 | (284.94) | (644.16) |
| Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 573.12 | 600.00 | 474.57 | 26.88 | (98.55) |
| Tiswijiet u manutenzjoni | 103,477.88 | 40,000.00 | 15,786.75 | (63,477.88) | (87,691.13) |
| Kera | 3,661.87 | 4,983.00 | 4,986.78 | 1,321.13 | 1,324.91 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Int. | 1,062.25 | 600.00 | 649.50 | (462.25) | (412.75) |
| Spejjeż tal-Uffiċċju | 5,532.36 | 6,000.00 | 3,934.41 | 467.64 | (1,597.95) |
| Trasport | 2,374.95 | 1,400.00 | 1,201.59 | (974.95) | (1,173.36) |
| Vjaġġar/safar | 655.00 | 3,500.00 | | 2,845.00 | (655.00) |
| Informazzjoni għall-Pubbliku | 2,524.36 | 3,000.00 | 1,839.40 | 475.64 | (684.96) |
| Servizzi b' Kuntratt | 121,181.20 | 134,954.00 | 146,030.26 | 13,772.80 | 24,849.06 |
| Servizzi Professjonali | 13,801.23 | 10,000.00 | 17,286.10 | (3,801.23) | 3,484.87 |
| Training | | 400.00 | | 400.00 | |
| Ospitalita u servizzi lill-Komunita` | 25,767.12 | 30,000.00 | 37,688.70 | 4,232.88 | 11,921.58 |
| Spejjeż Inċidentali | 1,041.82 | 600.00 | 3,445.54 | (441.82) | 2,403.72 |
| | **289,024.10** | **243,123.00** | **240,050.38** | **(45,901.10)** | **(48,973.72)** |
| Infieq Kapitali | | | | | |
| Xiri ta' proprjeta` | | | | | |
| Bini | | | | | |
| Titjib | 197,873.48 | 12,000.00 | 9,975.57 | (185,873.48) | (187,897.91) |
| Makkinarju u Apparat | 3,492.04 | | | (3,492.04) | (3,492.04) |
| Proġetti Speċjali | 103,513.78 | 322,447.00 | 318762.66 | 218,933.22 | 215,248.88 |
| | **304,879.30** | **334,447.00** | **328,738.23** | **29,567.70** | **23,858.93** |
| **TOTAL** | **664,095.22** | **648,278.92** | **637,290.79** | **(15,816.30)** | **(26,804.43)** |

## *4.0 Dikjarazzjoni Rikonċiljatorja Bankarja*

### Kont Bank of Valletta EAccount 40021326464

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 234,265.12 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2013 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 223.18 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **234,488.30** |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2013** | 234,488.30 |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2013 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2013 | 0 |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **234,488.30** |

### Kont Bank of Valletta Kurrenti 40021326529

| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 0.27 |
|---|---|
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta' Diċembru 2013 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | 0 |
| Naqqas il-*withdrawals* li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | (62,180.98) |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **(62,180.71)** |

| **Bilanċ fil-Ktieb tal-Bank fil-31 ta' Diċembru 2013** | (62,180.71) |
|---|---|
| Għodd l-interess li tħallas sal-31 ta' Diċembru 2013 | 0 |
| Naqqas ic-*charges* imħallsa sal-31 ta' Diċembru 2013 | 0 |
| Bilanċ Nett tal-Bank | **(62,180.71)** |